# Aġenzija Sapport

servizz pubbliku

## MIN AĦNA

Aġenzija Sapport hija l-Aġenzija Nazzjonali f'Malta li toffri u tipprovdi servizzi professjonali, għajnuna u gwida lil persuni b'diżabiltà, lill-familjari u lill-komunità tagħhom

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab f'din il-ħolqa: *https://sapport.gov.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATJANA

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur id-Dipartiment

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15 sa 20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum wieħed ta' xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien ġurnata sa għaxart ijiem tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien ġurnata sa tlett ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba *

*Id-data għal-appuntament hija dipendenti fuq il-lista ta stennija tad-Dipartiment.

## RESPONSABILITAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw lill-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti l-feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *https://sapport.gov.mt/about/*
- Permezz ta' servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq '*Issottometti Ilment*'

Il-kunfidenzjalità tiegħek hija garantita. Stenna li tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 5 ijiem ta' xogħol.

## KIF TIKKUNTATJANA

- Aġenzija Sapport, Triq Patri Ġwann Azzopardi, Sta Venera SVR 1614, Malta
- Aġenzija Sapport, Għajnsielem Learning Hub, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-16:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi: Magħluqa
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mas-servizzi u d-Dipartiment, il-metodi ta' kuntatt dirett huma disponnibli fuq is-sit: *https://sapport.gov.mt/*
- Malta: +356 22568000; Għawdex: +356 2156 9909; Sapport HelpLine fuq Freephone: 153
- *https://sapport.gov.mt/application-forms/*
- Permezz tal-midja soċjali: